MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 28 ta' Dicembru 2016**

**Kumpilazzjoni numru 666/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Alsagheer Mohamed Rajab Ali**
**(Passaport Libjan numru HHR7R14Z)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Alsagheer Mohamed Rajab Ali** talli fis-26 ta' Diċembru 2016 għall-ħabta tal-10:15 ta' billejl (22:15hrs) fil-pjazza ta' Buġibba limiti San Pawl il-Baħar, ikkommetta serq ta' portmoni li kien fih madwar 85 ewro fi flus kontanti, għad-detriment ta' Bethany Ellen May Baker detentriċi tal-karta tal-identita` numru 112760A, liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin, ai termini tal-Artikoli 261, 262, 270, 274, u 277 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talli fl-4 ta' Diċembru 2016 għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu (02:00hrs) waqt li kien fl-istabbiliment magħruf bħala All Nations Bar sitwat fi Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar, ikkommetta serq ta' basket li

kien jikkontjeni flus kontanti, mowbajl tal-għamla Nokia u credit cards maħruġa mill-Bank of Valletta fost oġġetti oħra għad-detriment ta' Norman William Bannatyme detentur tal-karta tal-identita` numru 39820A, liema serq hu kwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, ai termini tal-Artikoli 261, 267, 270, 279 u 280 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija xjentement f'Malta laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u ċioe` flus kontanti, mowbajl tal-għamla Nokia u credit cards maħruġa mill-Bank of Valletta fost oġġetti oħra għad-detriment ta' Norman William Bannatyme detentur tal-karta tal-identita' numru 39820A, liema serq hu kwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiża ħafifa fuq il-persuna ta' Bethany Ellen May Baker detentriċi tal-karta tal-identita` numru 112760A, u fuq il-persuna ta' Tony Daniels Thomas Baker detentur ta' passaport Britanniku numru 527750159, skont kif iċċertifika t-Tabib Stuart Zintilis MD (Med. Reg. 5790), miċ-Ċentru tas-Saħħa Mosta, ai termini tal-Artikoli 214 u 221 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati;

Illi ai fini ta' piena il-Qorti tinnota illi l-imputat diga' gie moghti zewg sentenzi ta' prigunerija effettiva, wahda fl-2013 u l-ohra din is-sena stess. Illi ghalhekk jidher li l-imputat ma jridx jaqbad it-triq it-tajba u ghalhekk se jkollu jiffaccja l-konsegwenzi li l-imputazzjonijiet odjerni jgibu maghhom.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 50, 214, 221, 261, 262, 270, 274, 277 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni stante li din inghatat bhala alternattiva ghat-tieni imputazzjoni, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Alsagheer Mohamed Rajab Ali** hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha, u **tikkundannah ghal piena komplessiva ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija.**

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur